| KUNSILL<br>TAL-UNJONI EWROPEA | **Brussell, 6 ta' Frar 2014 (07.02)**<br>**(OR. en)** |
|---|---|

**5772/14**

**COPEN 26**
**EJN 18**
**EUROJUST 21**

**NOTA**

| | |
|---|---|
| minn: | Is-Sur Mihnea Motoc, Ambaxxatur, Rappreżentanza Permanenti tar-Rumanija għall-Unjoni Ewropea |
| lil: | Is-Sur Rafael Fernández-Pita y González, Direttur Ġenerali, Kunsill tal-Unjoni Ewropea |
| data meta waslet: | 21 ta’ Jannar 2014 |
| Suġġett: | Implimentazzjoni tad-Deċiżjoni Kwadru tal-Kunsill 2005/214/ĠAI dwar l-applikazzjoni tal-prinċipju ta’ rikonoxximent reċiproku ta' penali finanzjarji<br>- Notifika mir-Rumanija |

Għażiż Sur Direttur Ġenerali,

Għandi l-unur ninnotifika lis-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea dwar l-implimentazzjoni tad-**Deċiżjoni Kwadru tal-Kunsill 2005/214/ĠAI tal-Kunsill tal-24 ta' Frar 2005** dwar l-applikazzjoni tal-prinċipju ta’ rikonoxximent reċiproku ta' penali finanzjarji mir-Rumanija, ippubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, L, 76, 22 ta' Marzu 2005.

Minħabba li permezz tal-Liġi Nru 300 tal-15 ta' Novembru 2013 li temenda u tissupplimenta l-Liġi Nru 302/2004 dwar il-kooperazzjoni ġudizzjarja internazzjonali f'materji kriminali, ippubblikata fil-Gazzetta Uffiċjali tar-Rumanija fil-11 ta' Diċembru 2013, kien hemm ċerti emendi għad-dispożizzjonijiet li jikkonċernaw it-traspożizzjoni tad-Deċiżjoni Kwadru Nru 2005/214/ĠAI tal-Kunsill tal-24 ta' Frar 2005 dwar l-applikazzjoni tal-prinċipju ta' rikonoxximent reċiproku ta' penali finanzjarji, ir-Rumanija *tissupplimenta permezz ta' dan* in-notifika tagħha kif ġej:

**Notifika skont l-Artikolu 2**

L-awtorità kompetenti li għandha tirċievi ċ-ċertifikati u d-deċiżjonijiet, meta r-Rumanija tkun l-istat ta' eżekuzzjoni, hija:

**Ministry of Justice**
Strada Apolodor 17, Sector 5 Bucureşti, Cod 050741
Directorate for International Law and Judicial Cooperation
Division for international judicial cooperation in criminal matters
Telefon: +40.37.204.1077 / +40.37.204.1085
Barra l-ħinijiet tal-uffiċċju: + 040.733.737.769
Fax: +40.37.204.1079/84
Indirizz elettroniku: centralauthority_copen@just.ro

(Formola tal-għeluq)

(f.) Mihnea Motoc